



Mobilizzazzjoni tal-fondi għall-impjegi u t-tkabbir

#investEU



Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) maħluq mill-Kummissjoni Ewropea bi sħubija mal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) huwa mistenni li jimmobilizza mill-inqas EUR 315-il biljun fi tliet snin. L-FEIS huwa maħsub sabiex jgħin inaqqas id-diskrepanza fl-investiment fl-UE billi jimmobilizza l-finanzjament privat għal investimenti strateġiċi, inklużi proġetti bi profil ta' riskju ogħla mill-attivitajiet ordinarji tal-BEI. Is-saħħa addizzjonali pprovduta mill-FEIS tikkomplimenta l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE), li se jagħmel disponibbli EUR 454 biljun mill-baġit tal-UE matul il-perjodu 2014–2020 sabiex isir investiment f'żoni li jiġġeneraw it-tkabbir, primarjament fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, appoġġ lill-SMEs, l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Għaliex huwa importanti

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jistgħu jiffinanzjaw proġetti permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji u huma parti mill-programmi implimentati mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni fl-Istati

Membri. Il-Qafas Riformat tal-Fondi SIE għall-2014–2020 jinkludi ambitu estiż għall-użu ta' strumenti finanzjarji pjuttost milli għotjiet biss. L-FEIS jipprovdi strumenti ta' finanzjament tar-riskju (ebda għotjiet) permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment mingħajr ebda kwota ġeografika jew settorjali, iżda fuq il-bażi tad-domanda tas-suq għall-finanzjament tal-investiment. Il-kombinament tal-Fondi FEIS u SIE ikun possibbli jew fil-livell ta' proġett individwali jew fil-livell ta' strument finanzjarju. Il-kombinament ta' fondi jista' jkun partikolarment interessanti f'ċerti pajjiżi jew setturi, fejn il-Fondi SIE joffru opportunitajiet wiesgħa u fejn l-FEIS waħdu għadu ma ġiex mobilizzat b'mod sħiħ.

Kombinament tal-Fondi SIE mal-FEIS

Il-Fondi SIE jistgħu jiġu magħquda mal-FEIS b'modi differenti:

1 Kombinament tal-Fondi SIE mal-FEIS **direttament fil-livell tal-proġett**: Proġett eliġibbli jirċievi finanzjament mill-programm FEIS (fil-forma ta' għotja jew permezz ta' strument finanzjarju), minn FEIS u possibbilment ukoll minn investituri oħra attirati mill-Fondi SIE u FEIS.

2 Kombinament tal-Fondi SIE mal-FEIS f'livell tal-pjattaforma ta' investment: L-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tkun tixtieq twaqqaf pjattaforma ta' investment **ġdida** (meqjusa bħala strument finanzjarju) li fiha l-FEIS u investituri oħra jinvestu r-riżorsi tagħhom, inkluż fil-forma ta' fond bis-saffi. Possibiltà oħra hija li l-Awtorità ta' Ġestjoni tagħti kontribut tal-programm tal-Fondi SIE fi pjattaforma ta' investment eżistenti (ikkunsidrata bħala strument finanzjarju) li twaqqfet b'riżorsi FEIS fuq livell nazzjonali, reġjonali, transnazzjonali jew transkonfinali. Il-pjattaforma ta' investment imbagħad tinvesti kontribuzzjonijiet tal-programm tal-FEIS u Fondi SIE distinti fi proġetti (investituri oħra jistgħu jipparteċipaw).

3 Kombinament tal-Fondi SIE mal-**appoġġ FEIS (mgħoddi permezz ta' pjattaforma ta' investment)** fil-livell ta' strument finanzjarju jew fil-livell tal-proġetti: F'dan ix-xenarju, l-Awtorità ta' Ġestjoni tistabbilixxi strument finanzjarju li fih il-pjattaforma ta' investment imwaqqfa permezz ta' appoġġ FEIS tipparteċipa bħala investitur. Investituri oħra jistgħu jipparteċipaw ukoll. L-istrument finanzjarju mbagħad jinvesti kontribuzzjonijiet tal-programm tal-FEIS u Fondi SIE distinti fi proġetti (investituri oħra jistgħu jipparteċipaw). Għażla oħra tkun intervent minn pjattaforma ta' investment, imwaqqfa bl-appoġġ tal-FEIS, direttament fil-livell tal-proġett skont it-tranżazzjoni.

Fi ħdan il-Pjan ta' Investment, il-Kummissjoni stabbiliet l-objettiv li jinkiseb mill-inqas irduppar globali fl-użu tal-istrumenti finanzjarji taħt il-fondi SIE. Dan l-objettiv (madwar EUR 23 biljun) jista' jintlaħaq: fuq il-bażi ta' stimuli kurrenti, l-allokazzjonijiet globali ppjanati fil-Politika ta' koeżjoni għall-istrumenti finanzjarji f'24 Stat Membru huma mistennija li jkunu EUR 20 biljun għall-FEŻR biss.

Opportunitajiet u benefiċċji

Kwalunkwe proġett li huwa ekonomikament u teknikament vijabbli, għandu potenzjal li jikkontribwixxi b'mod pożittiv għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE u li huwa konformi mal-politiki tal-UE jista' jkun eliġibbli għal finanzjament kemm mill-FEIS kif ukoll il-Fondi SIE. L-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali se jkunu jistgħu jiksibu impatti addizzjonali permezz ta' koinvestimenti tal-FEIS (kontribuzzjoni FEIS u kwalunkwe koinvestitur ieħor attirat mill-FEIS). L-allokazzjonijiet reġjonali ma jissalvagwardjawx biss l-investimenti FEIS iżda jagħtu wkoll lil kull reġjun (taħt il-programm reġjonali tiegħu) il-possibbiltà li jiġbed investimenti FEIS.

Eżempji ta' proġetti u attivitajiet appoġġjati

"IF-TRI" f'Nord-Pas de Calais (Franza)

Proġett li jgħaqqad ir-riżorsi mill-Fondi SIE, investituri privati, il-Caisse des Dépôts et des Consignations ta' Franza, il-BEI u appoġġ mill-FEIS. Il-pjattaforma ttiprovdi finanzjament tar-riskju (b'self individwali ta' medja ta' EUR 1 miljun) għal mill-inqas 100 proġett li jrawwem ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'Nord-Pas-de-Calais. Minbarra l-finanzjament, ir-reġjun joffri wkoll assistenza teknika grazzi għal għotja ta' massimu ta' EUR 2.5 miljun meħuda mir-riżorsi tal-Fond SIE.

EstFund (l-Estonja)

Il-Fond huwa maħsub sabiex jipprovdi investment fi stadju bikri li jippermetti lill-SMEs Estonjani jiżviluppaw l-ideat tan-negozju tagħhom. EUR 48 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali se jkunu kkumplementati minn EUR 12-il miljun koinvestiti mill-FEI minn riżorsi appoġġjati mill-FEIS, li jwasslu għal riżorsi magħquda ta' EUR 60 miljun.

Kif taċċessa l-finanzjament

Il-promoturi tal-proġett għandhom jagħmlu użu sħiħ miċ-**Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investment** li huwa l-portal għall-pariri ta' investment u appoġġ tekniċi u amministrattivi. Iċ-Ċentru jgħin lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-promoturi tal-proġetti jidentifikaw, jagħtu prijorità, jippreparaw, jistrutturaw u jimplimentaw proġetti strateġiċi u jagħmlu użu iktar effiċjenti mill-fondi tal-UE billi jimmobilizzaw il-kapital privat. Parti minn dan il-punt uniku ta' kuntatt huwa "**fi-compass**", servizz ta' konsulenza dwar l-istrumenti finanzjarji għall-Fondi SIE. Barra minn hekk, il-**Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment** (PEPI) huwa portal tal-web ġdid fjamant li jippermetti lill-promoturi tal-proġetti bbażati fl-UE – pubbliċi jew privati – jilhq u investituri potenzjali mad-dinja kollha.

Iktar informazzjoni dwar il-politika reġjonali fil-livell tal-UE:

http://ec.europa.eu/regional_policy/en/